MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 96/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Antonio-Mario Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kontra Antonio-Mario Vella, detentur tal-karta tal-identita` numru 579855 (M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala

Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Act Operators Limited (C 18641) għas-snin 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007 u 2008 b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda, naqas li jibgħat il-formuli tat-taxxa skond id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa ai termini ta' l-imsemmi artikolu 23 naqas milli jħares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar 2012 li permezz tagħha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviż Legali 88 tas-sena 1998, sabet lill-imsemmi Antonio-Mario Vella ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' ħames mitt euro (€500) u multa addizzjonali ta' seba' euro (€7.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas ta' l-istess Antonio-Mario Vella. Il-Qorti spjegatlu lill-appellant ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta li jekk fi żmien ħames snin jerġa` jinstab ħati ta' xi reat taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tingħata sentenza, b'żieda ma' kull piena oħra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem priġunerija u hekk misjub ħati għat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija ħames snin, minkejja kull disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* jew f'xi leġislazzjoni oħra, jingħata sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'żieda ma' kull piena oħra ħlief għal priġunerija għal żmien itwal;

**3.** Rat ir-rikors ta' Antonio-Mario Vella ppreżentat fid-29 ta' Frar 2012 li bih talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqu – dik ta' multa ta' ħames mitt euro (€500) u multa addizzjonali ta' seba' euro (€7.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas ta' l-imputat – u minflok ma ssibux ħati ta' l-imputazzjoni u tilliberah;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :-

> "1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti qieghed jissottometti illi l-akkuza hija vaga u ma tinkludix l-ammonti allegatament dovuti, il-persuni li taghhom ghandu jithallas it-taxxa u f'liema perjodu imma hija akkuza generali li zgur ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi.
>
> "2. Illi fil-mertu l-esponenti kien accetta li jimpjega xi haddiema mieghu pero` ad insaputa tieghu mal-medda tas-snin xi impjegati baqghu jirregistraw mieghu minkejja li ma kienx qieghed ihaddimhom ukoll kienu huma li jibghatu r-return tat-taxxa minghajr ma huma iffirmati mill-esponenti;
>
> "3. Illi mill-provi ghandu jirrizulta illi xi allegatament impjegati mieghu kienu irregistrati ma' kumpanija ohra u ghalhekk zgur li ma tistax tkun irregistrat fuq zewg kumpaniji;
>
> "4. Illi ghalhekk ir-returns kellhom jintbaghtu bhala nil u dan il-fatt id-dipartiment ma accettax."

**6.** B'referenza għall-ewwel aggravju l-appellant m'għandux raġun peress illi l-imputazzjoni kjarament tirreferi għan-nuqqas li jintbagħtu formuli tat-taxxa. Dwar x'inhuma dawn il-formuli l-imputazzjoni tirreferi għall-artikolu 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll għar-regolamenti kontenuti fl-Avviż Legali 88/1998. Imbagħad il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni mhix ħlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

> "L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.*** (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360,

introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data ii jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami).”**

Għalhekk l-ewwel aggravju huwa miċħud.

**7.** Fil-mertu jidher illi dawn il-proċeduri ttieħdu fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa Interni peress illi s-soċjeta` Act Operators Ltd naqset li tibgħat il-formoli FS3, FS7 u FS5 inkluż kull pagament ta' taxxa u ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta` soċjali dovut għas-snin 2000 sa 2008. L-appellant xehed illi din is-soċjeta` kienet waqfet tiffunzjona fis-sena 2000. Jidher illi kumpanija oħra, Travellers Lodge Company Ltd, kienet sidt lukanda filwaqt illi Act Operators Ltd kienet il-kumpanija li tħaddem il-ħaddiema. Mix-xiehda tar-rappreżentant ta' l-ETC fil-fatt irriżulta illi bejn is-sena 2000 u s-sena 2008 ma kien hemm ħadd reġistrat magħhom bħala impjegat ta' Act Operators Ltd. L-appellant jispjega illi nonostante dan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni baqa' jinsisti miegħu illi kien responsabbli biex jottempera ruħu mal-liġi u jekk ma kienx se jiffirma *agreements* mad-Dipartiment, liċ-Ċiniż li kien qiegħed imexxi l-ħanut li baqa' ma kinux ser iġeddulu l-permess. Effettivament jirriżulta illi l-appellant iffirma xi *agreements* mad-Dipartiment għall-ħlas ta' taxxa u ta' sigurta` soċjali għal numru ta' snin (2000 sa 2004, 2006 u 2009). Skond l-appellant huwa "ċ-Ċiniż" li jħallas.

**8.** Naturalment jekk bejn l-2000 u l-2008 ma kienx hemm impjegati mas-soċjeta` Act Operators Ltd, ma kienx hemm taxxa u sigurta` soċjali x'jitħallsu.

Huwa għalhekk kontradittorju kif l-appellant ġie mġiegħel jew aċċetta illi jidħol f'*agreements* għall-ħlasijiet li jidhru fid-dokumenti SM1, SM2 u SM3 (a fol. 8 – 10). Huwa wkoll kontradittorju kif għas-sena 2001 żgur ġew ippreżentati d-dokumenti FS7 fir-rigward ta' numru ta' impjegati (Dok. KC1 a fol. 11 sa 17). Fiċ-ċirkostanzi, ġaladarba l-appellant iffirma l-*agreements* imsemmija, din il-Qorti sejra tikkonferma l-ħtija għall-imputazzjoni dedotta, iżda proprju minħabba li ġew iffirmati tali *agreements*, u stante dak li rriżulta mix-xiehda tar-rappreżentanta ta' l-ETC, mhuwiex il-każ illi tibqa' l-kundanna għal multa addizzjonali għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas ta' l-appellant.

**9.** Għal dawn il-motivi, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Antonio-Mario Vella għal multa addizzjonali ta' seba' euro (€7.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas ta' l-istess Antonio-Mario Vella, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------